MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2010

Numru 332/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**Vs**

**James Abela**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra James Abela ta’ 34 sena, bin John u Anna nee Zammit, imwieled Melbourne l-Awstralja nhar id-19 ta’ Settembru 1974 u li joqgħod 46 Triq San Pietru Qormi u li għandha l-karta tal-identita’ bin-numru 260992 (M)

Akkużat talli fis-6 ta’ Mejju 2008 u fix-xhur ta’ qabel f’Hal Qormi u f‘diversi  nhwasi f’dawn il-Gzejjer, minghajr l-approvazzjoni bil-miktub mill-Kummissarju tal-Pulizija, b’xi mod li jkun, baghbas, nehha, biddel jew ghamel numru ta’ l-identifikazzjoni ta’ chassis jew makna ta’ jew fuq, vetura

bil-mutur u cioe numru tar-registrazzjoni ABL 187 fuq vettura ta' registrazzjoni LAA 561 (numru ta' chassis originali 'SFABXXBAFBJC04285')

U iktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi sabiex tinkiser bi vantagg jew beneficcji ghalih nnifsu jew ghal haddiehor, f'xi document mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru ABL 187 fuq vettura tal-ghamla Ford Fiesta (numru tar-registrazzjoni originali LAA 561);

U iktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jewe xjentement ghamel uzu minn xi document iehor, ffalsifika billi wahhal n-numru tar-registrazzjoni ABL 187 fuq vettura ta' l-ghamla Ford Fiesta (numru tar-registrazzjoni originali LAA 561)

U iktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, saq vettura ta' l-ghamla Ford Fiesta (numru tar-registrazzjoni originali LAA 561), li ma kellhiex licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni,

U iktar talli rrenda ruhu ricediv a terminu ta' l-Artikolu 49 u 50 et seq tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-kunsens tal-Avukat Ġenerali (fol 9) u tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji , il-fedina penali tal-imputat, iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat, il-current incident report immarkat MB u l-istqarrija tal-imputat immarkata MB1, ir-ritratti mmarkati MB2u s-sentenza mmarkata MB3.

Rat li l-Proekuzzjoni rtirat it-tielet imputazzjoni (dik immarkata ċ)

Rat l-ammissjoni tal-imputat fis-seduta tal-24 ta' Frar 2010 għall-imputazzjonijiet (a)(B)(d)(e) liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata ħin xieraq sabiex jaħsibha.

Għaldaqstant l-imputazzjonijiet (a)(b)(d) u (e) ġew ippruvati skond il-Liġi.

## Konklużjoni

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(f) , 49, 50, u 298D tal-Kap 9 kif ukoll l-artikoli 15(1)(a) tal-Kap 65 u l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet (a), (b) (d) u (e) b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel waħda ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9, mhix qed tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni (dik immarkata ċ) għaliex din kienet irtirata mill-Prosekuzzjoni u qed tikkundanna lill-imputat sabiex iħallas multa komplessiva ta' €2720.97[1] liema multa tista' titħallas b'rata ta' mitt Ewro kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(f) tal-Kap 9.